MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2013

Numru. 96/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Tracy Mercieca**

Kawza Numru: 96/2013

Illum 26 ta’ Novembru 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata **Tracy Mercieca**, ta’ tlieta u tletin (33) sena, bint Francis u Jane neé Chetcuti imwielda Attard, Malta, nhar it-23 ta’ Frar 1980, residenti fil-fond numru 18, Flat 2, Triq San Guzepp, Valletta, Malta u detentrici tal-Karta tal-Identita’ bin-Numru

138780(M), akkuzata talli fit-23 ta' Settembru 2012 minn gewwa lanca bejn ic-Cirkewwa u Kemuna u gewwa postijiet ohra f'dawn il-gzejjer f'hinjiet differenti:

1. ikkommettiet serq ta' *mobile phone* tal-ghamla Samsung fost oggetti ohra, liema serq ma jeccediex l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (Euro 232.94) ghad-detriment ta' Maria Assunta Camilleri u Marcus Galdes.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputata tammetti l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u semghetha tikkonferma tali ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien ragonevoli sabiex tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputata, id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur rigward il-fedina penali tal-imputata (fejn iddikjara li l-fedina penali tal-imputata hija wahda nadifa) u l-ammissjoni bikrija tal-imputata ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata Tracy Mercieca hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha u, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, fil-fehma tal-Qorti, jissusistu cirkostanzi

ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk il-Qorti tillibera lill-imputata Tracy Mercieca bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum u tordna li sa zmien xahar millum l-imputata thallas is-somma ta’ mija u ghaxar Euro (€ 110.00) lil Maria Assunta Camilleri u Marcus Galdes konguntivament.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta’ liberta’ kundizzjonata u jekk ma thallas is-somma ta’ mija u ghaxar Euro (€ 110.00) lil Maria Assunta Camilleri u Marcus Galdes fi zmien lilha moghti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------